

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL RD CONGO/1/2013

tat-8 ta' Ottubru 2013

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo)**

(2013/511/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/576/PESK tat-23 ta' Settembru 2010 dwar il-missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni 2010/576/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ('KPS') huwa awtorizzat, taħt it-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-EUPOL RD Congo. Din l-awtorizzazzjoni tinkludi s-setgħa biex jinħatar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ('Rappreżentant Għoli').
- (2) Fit-8 ta' Ottubru 2010, wara proposta mir-Rappreżentant Għoli, il-KPS, skont id-Deċiżjoni EUPOL RD Congo/1/2010 <sup>(2)</sup>, ħatar lill-Kap Supretendent Jean-Paul RIKIR bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPOL RD Congo b'effett mill-1 ta' Ottubru 2010.
- (3) Fis-16 ta' Settembru 2011, wara proposta mir-Rappreżentant Għoli, il-KPS, skont id-Deċiżjoni EUPOL RD Congo/1/2011 <sup>(3)</sup>, estenda l-mandat tal-Kap Supretendent Jean-Paul RIKIR bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPOL RD Congo sat-30 ta' Settembru 2012.
- (4) Fil-25 ta' Settembru 2012, wara proposta tar-Rappreżentant Għoli, il-KPS, skont id-Deċiżjoni EUPOL RD Congo/1/2012 <sup>(4)</sup>, estenda l-mandat tal-Kap Supretendent Jean-Paul RIKIR bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPOL RD Congo sat-30 ta' Settembru 2013.

(5) Fit-23 ta' Settembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/467/PESK <sup>(5)</sup> li testendi d-durata tal-EUPOL RD Congo sat-30 ta' Settembru 2014.

(6) Fis-10 ta' Settembru 2013, ir-Rappreżentant Għoli pproponiet l-estensjoni tal-mandat tal-Kap Supretendent Jean-Paul RIKIR bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPOL RD Congo sat-30 ta' Settembru 2014.

(7) Ladarba l-mandat kurrenti tal-Kap Supretendent Jean-Paul RIKIR bħala Kap tal-Missjoni tal-EUPOL RD Congo skada fit-30 ta' Settembru 2012, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2013,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-mandat tal-Kap Supretendent Jean-Paul RIKIR bħala Kap tal-missjoni tal-pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u l-interfaċċja tagħha mas-sistema tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo) huwa b'dan estiż sat-30 ta' Settembru 2014.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2013.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

<sup>(1)</sup> ĠU L 254, 29.9.2010, p. 33.

<sup>(2)</sup> ĠU L 266, 9.10.2010, p. 60.

<sup>(3)</sup> ĠU L 245, 22.9.2011, p. 21.

<sup>(4)</sup> ĠU L 264, 29.9.2012, p. 13.

<sup>(5)</sup> ĠU L 252, 24.9.2013, p. 27.